MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 933/2005

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Standards fil-Harsien Socjali**

**vs**

**Valentina Robinson**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-intimata debitament notifikata bl-att tar-rikors, naqset li tressaq risposta fit-terminu lilha impost mill-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi dan ir-rikors gie presentat a tenur tal-Att numru XIII tal-1999, li huwa l-Att Dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' minuri (Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta); b'dan l-Att gew irratifikati zewg Konvenzjonijiet dwar l-aspetti civili ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' decizjonijiet dwar kustodja. Dan l-Att japplika ghall-Inghilterra minn fejn originat l-applikazzjoni meritu tal-kaz.

Ghall-fini tal-materja iinvoluta, l-artikolu 3 tal-l-Ewwel Skeda tal-Att, jiddikjara illi jkun hemm ritenzjoni illecita ta' minuri meta jkun hemm ksur tad-drttijiet ta' kustodja, attwalment vigenti, liema drittijiet ikunu vestiti f'istituzzjoni taht il-ligi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqghod minnufih qabel ir-ritenzjoni. Id-drittijiet jistghu joriginaw mill-operat tal-ligi jew bis-sahha ta' decizjoni gudizzjarja jew amministrattiva.

F'dan il-kaz, mid-dokumenti esebiti, jirizzulta li l-minuri Jake Joseph Robinson, li twieled fit-12 ta' Novembru, 1992, huwa suggett ghall-*care order* mahruga mill-Manchester County Court fill-15 ta' Novembru, 2004, (case number MA04C01080) u t-tifel tpogga fil-kura tal-Stockport Metropolitan Borough. Jidher li l-minuri ghandu r-residenza abitwali tieghu f'dak il-pajjiz.

It-minuri nghata l-permess mill-Stockport Metropolitan Borough Council biex jigi Malta ghall-btala ma ommu, u fil-fatt hu maghruf li l-minuri kien wasal Malta fl-4 ta' Awissu, 2005. Il-minuri u ommu kellhom jirritornaw l-Inghilterra fid-29 ta' Awissu, 2005, izda l-omm iddecidiet li testendi l-maura taghha gewwa Malta sat-8 ta' Settembru, 2005. Gara, pero', li nonostante l-iskadenza ta' din id-data, l-omm baqghet Malta u zammet lill-minuri Jake maghha. Ghalkemm skond ic-Children Act tal-Inghilterra, l-omm ghandha "*parental responsibility*" fuq il-minuri, f'kaz li jkun hemm *care order*, tali responsabilita' hija vestita wkoll fil-kunsill mahtur, f'dan il-kaz il-Stockport Metropolitan Borough Council. Peress li z-zamma tal-minuri hawn Malta kien bi ksur tal-ftehim li ntlahaq li in forza tieghu l-

omm inghatat il-permess tigi Malta mal-minuri, l-awtoritajiet inglizi talbu l-assistenza tal-awtoritajiet ta' Malta biex jinkiseb ir-ritorn tal-minuri.

Il-Qorti rat li l-awtorita' ingliza, mat-talba taghha, ikkonformat ruha mad-dispost tal-artikolu 8 tal-imsemmi l-Ewwel Skeda tal-Att, u skond l-artikolu 12 tal-istess l-Ewwel Skeda, f'kaz li l-minuri ikun ghadda f'pajjizna perjodu ta' anqas minn sena mid-data tar-ritenzjoni illecita, il-Qorti "ghandha tordna ir-ritorn tal-minuri biex dan isir minnufih".

Il-Qorti rat ukoll li, f'dan il-kaz, ma giex muri li jezistu xi cirkustanzi, kif kontemplati fl-artikolu 13 tal-Ewwel Skeda, li setghu iwasslu lill-Qorti ma tordnax ir-ritorn tal-minuri lura gewwa l-Imghilterra. Jidher li l-awtoritajiet inglizi qed jimmoniterjaw dan il-kaz bid-debita reqqa, anke fid-dawl tal-fatt li, milli jidher, l-omm isofri minn xi forma ta' disordni (Bi-polar disorder); fil-fatt, il-kaz jinsab taht l-attenzjoni kemm ta' Social Worker kif ukoll ta' Mental Health Worker, li fuq il-parir tieghu kien awtorizzat li l-omm tithalla tigi Malta mal-minuri.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, anke minhabba l-kondizzjoni tal-omm, jidher opportun li l-minuri jigi ritornat l-Imghilterra biex l-kaz tieghu jibqa jigi segwit mill-ufficcjali ta'dak il-pajjiz u dan ghall-ahjar interess tal-istess minuri.

Il-Qorti, ai terminu tal-Att XIII tal-1999, tiddikjara li r-ritenzjoni tal-minuri gewwa Malta huwa illecitu, u it-talba tad-Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali kif kontenuta fir-rikors tieghu tat-22 ta' Settembru, 2005, qiegheda, ghalhekk, tigi milqugha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------